

# Id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Bormla

## *L-ewwel parti: fil-Kolleġġjata-Santwarju tal-Immakulata*

**Kan. Dr Jonathan Farrugia**

Forsi mhix kumbinazzjoni li fil-belt tant marbuta ma' isem Marija nsibu devozzjoni qawwija ħafna lejn San Ġużepp. Nistgħu ngħidu li, wara Ġesù, Ġużeppi kien l-aktar bniedem qrib ta' Marija, ir-raġel li lilha ħabb u li għaliha kien lest li jagħmel kollox. B'dan f'moħħna m'hemmx għalfejn niskantaw li f'qalb il-poplu Bormliż feġġet kmieni ħafna mħabba partikulari lejn dak li tant ħabb lill-Omm belthom.

Bormla saret parroċċa fl-1584 taħt il-patroċinju tal-Immakulata, imma ż-żona kienet ilha ħafna ppopolata. Meta ġew il-kavallieri fl-1530 fiż-żona li llum tifforma parti minn Bormla kien hemm joqogħdu madwar 1200 persuna – popolazzjoni notevoli għal dawk iż-żminijiet. Mal-kavallieri il-port naturali ta' Bormla ddawwar bis-swar għal aktar protezzjoni għall-iġfna tal-Ordni. Dan ġibed ħafna nies li raw hemm opportunità tajba għax-xogħol. Peress li l-iġfna kienu tal-injam, l-aktar li setgħu jaqbdu jaħdmu malajr kienu l-mastrudaxxi u nistgħu ngħidu li kien bil-ħidma ta' dawn in-nies li nibdet id-devozzjoni lejn dan il-qaddis f'din il-belt.

### Il-fratellanza ta' San Ġużepp u l-ħidma tagħha matul is-sekli

Madwar seklu wara li f'Bormla twaqqfet parroċċa beda l-ħsieb li titwaqqaf fratellanza u dan seħħ fil-bidu tas-seklu XVIII. L-eqdem referenza għal din tissemma fil-*Libro esigenziale* tas-snin 1716-1812 li jinkludi l-ispejjeż għall-festa ta' dan il-qaddis organizzata mill-fratellanza.[1] Referenza antika oħra nsibuha fil-minuti tal-viżta pastorali li l-Isqof Alpheran de Bussan beda fil-parroċċa ta' Bormla fil-25 ta' Novembru 1728. Din tgħid li fil-ħajt tal-lemin tal-artal tal-Ispirtu s-Santu kien hemm niċċa kbira bil-ħġieġ li kien fiha statwa ta' San Ġużepp bil-Bambin.



Il-minuti jgħidu wkoll li din kienet tieħu ħsiebha l-fratellanza ta' dan il-qaddis li dak iż-żmien kellha bħala prokuraturi lil Luca Grech u lil Paolo Dinè.[2] Tliet snin wara din l-istess fratellanza ġiet aggregata mal-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp ta' Ruma.[3] Din kienet użanza komuni f'dawk iż-żminijiet u kienu ħafna l-fratellanzi Maltin li ngħaqdu ma' fratellanzi Rumani biex jirbħu l-privileġġi tagħhom.

Mit-tagħrif li jinsab fl-arkivju parrokkjali nistgħu ngħidu li din il-fratellanza kienet waħda li baqgħet attiva matul is-sekli ta' wara. Il-festa baqgħet tiġi ċċelebrata fid-19 ta' Marzu, skont ma bdiet id-drawwa fl-1479 f'Ruma. F'Bormla l-festa kienet tikkonsisti f'żewġ għosrien, quddiesa kantata u purċissjoni bl-istatwa.

Xhieda oħra tal-attività ta' din il-fratellanza huwa l-fatt li meta l-Isqof Bartolomeo Rull għamel il-viżti pastorali tiegħu f'nofs is-seklu tmintax, kienet din il-fratellanza li organizzat il-quddiesa mmexxija minnu f'Bormla nhar is-6 ta' Mejju 1759. B'hekk m'hemm xejn biex nistagħġbu meta naqraw li kienet quddiesa votiva ta' San Ġużepp! Minn din il-viżta pastorali nafu li sa dik is-sena l-fratellanza kienet akkwistat pittura ovali tal-qaddis patrun tagħha u din kienet tpoġġiet bħala sotto-kwadru fuq l-artal tal-Ispirtu s-Santu. Din il-puttura għadha teżisti u tinsab ikkonservata fis-sagristija tal-kolleġġjata, bil-gwarniċ oriġinali tal-injam. Mhux magħruf min pittirha, imma tidher li ġejja mill-bottega ta' Mattia Preti. Flokha, fuq l-iskannell tal-istess artal illum hemm pittura oħra, magħmulha minn Ramiro Calì. Din sarilha gwarniċ tal-fidda fl-1955, maħdum minn Francis Cassar & Sons ta' Bormla. Ikkontribwew għalih ħafna devoti ta' dan il-qaddis. Fis-sagristija tinsab pittura oħra, antika ferm, li tirrappreżenta l-mewt tal-

qaddis. Mhux magħruf l-oriġni tagħha.

Aktar ma għadda żmien, aktar naraw li din il-frattellanza ma naqqset xejn mill-attività tagħha, dejjem skont ma hu mixhud mill-viżti pastorali li kienu jsiru minn żmien għall-ieħor. Matul das-snin komplew seħħew aktar ġrajjiet li jkomplu juru t-tisħiħ tad-devozzjoni lejn dan il-qaddis kbir f'din il-belt.

Forsi l-aktar waħda sinifikattiva minn dawn hija ż-żieda ta' pittura oħra ta' San Ġużepp, sabiħa ferm, fil-kappellun tal-Ispirtu s-Santu. Bħalma ġa għedna, fuq dan l-artal diġà kien hemm sotto-kwadru ta' San Ġużepp bil-Bambin. Fih kien hemm ukoll in-niċċa bl-istatwa l-antika. Il-pittura li qed nitkellmu fuqha twaħħlet fuq din in-niċċa. Kien żmien meta l-knisja ta' Bormla kienet qed tissebbaħ. Rokku Buhagiar,[4] wieħed mill-aqwa artisti Maltin tas-seklu XVIII, kien qiegħed jiġi mqabbad ipitter kwadri laterali għall-kappelluni. Il-pitturi li tpoġġew fuq kull naħa tal-kwadru tal-Ispirtu s-Santu jirrappreżentaw lit-tħabbira ta' Marija (b'konnessjoni mal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu) u oħra ta' San Ġużepp u Santa Tereża jinterċedu għall-erwieħ fil-Purgatorju (b'konnessjoni mas-sotto-kwadru). B'hekk nistgħu ngħidu li l-protagonist ta' dan l-artal ma baqax biss l-Ispirtu s-Santu, imma daħal San Ġużepp miegħu. Dan ukoll jixhed il-popolarità li kien igawdi dal-qaddis.

L-ewwel referenza għal relikwa ta' San Ġużepp f'Bormla ġejja minn nofs is-seklu XVIII. Skont il-viżta pastorali magħmula mill-isqof Bartolomeo Rull nafu li l-knisja tal-monasteru ta' Santa Margerita, immexxija mis-sorijiet tal-klawsura Karmelitani skalzi, kellha relikwa *ex pallio S. Joseph* fl-1759. Dan il-kliem bil-Latin ifisser li kienet parti mill-ilbies tal-qaddis. Insibu ħafna knejjes f'pajjiżna li għandhom relikwija ta' din ix-xorta minħabba li huwa diffiċli ħafna li takkwista biċċa għadma tiegħu. Tnejn u għoxrin sena wara, skont il-minuti tal-viżta pastorali tal-1781, magħmula mill-isqof Labini, insibu li sa din is-sena l-knisja ta' Bormla kienet akkwistat relikwa simili ta' San Ġużepp.



Is-seklu għoxrin kien seklu ta' ħidma kbira għall-fratellanza, bħalma jixhdu l-minuti mil-laqgħat li kienu jsiru. Fil-bidu tas-seklu Abram Gatt ħadem bosta xogħlijiet għall-fratellanza, fosthom disinji għall-ventartal u missal tal-fidda, kif ukoll statwa ġdida. Fi Frar tal-1935 ġie stampat l-istatut bil-Malti għall-ewwel darba. Fost l-obbligi ewlenin insibu t-tixrid tad-devozzjoni lejn il-qaddis permezz tat-talb, tal-quddies u billi tieħu ħsieb il-festa tad-19 ta' Marzu.[5]

Fost l-affarijiet li għandha l-fratellanza llum nistgħu nsemmu l-istandart irrakkmat bid-deheb li jintuża fil-festa ta' San Ġużepp u f'dik tal-Immakulata, surġentina tal-fidda, għadd ta' medaljuni tal-fidda, fosthom il-kbira li tintlibes mir-rettur tal-fratellanza, sett gandlieri u appostli għall-artal maġġur u sett ieħor għall-artal tal-Ispirtu s-Santu u San Ġużepp, ventaltar tal-fidda u ieħor irrakmat, terħa tal-bellus irrakmata, dvalja tal-bizzilla, ħames ventartali tad-damask għall-artali laterali li jintużaw fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp kif ukoll bradella għall-istatwa.

Ġest sabiħ li kienet tagħmel il-fratellanza kien li tieħu ħsieb il-funerali tal-fratelli u s-sorelli membri, li mbagħad, fuq ix-xewqa tal-familjari tagħhom, setgħu jiġu midfunin fl-oqbra li l-fratellanza kienet xtrat fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addollorata. Hemm, l-iġsma tal-membri mejtin jistennew il-qawmien taħt il-ħarsien ta' statwa kbira tal-qaddis protettur tagħhom.

### L-istatwi ta' San Ġużepp

Bħalma ġa għedna, skont il-viżta pastorali tal-1728 nafu li sa minn dak iż-żmien diġà kien hemm statwa li tirrappreżenta lil dan il-qaddis u din kienet fin-niċċa ma' ġenb l-artal tal-Ispirtu s-Santu. X'sar minnha din l-istatwa mhux magħruf.

Fl-1843 il-prokuraturi tal-fratellanza ddeċidew li jagħmlu statwa ġdida tal-qaddis patrun tagħhom. Għal din il-biċċa xogħol intgħażel l-iskultur Belti Pietru Pawl Azzopardi, li kien kiseb popolarità kbira meta ftit snin qabel kien għamel l-istatwa ta' San Ġorġ għar-Rabat Għawdex. Huwa ġie mqabbad jagħmel xbieha tradizzjonali li tinkorpora lill-qaddis u lill-Bambin miegħu.[6] Din l-istatwa kienet lesta fil-bidu ta' Mejju tal-istess sena u nhar is-6 ta' dak ix-xahar ittieħdet fil-knisja ta' San Pawl f'Bormla u filgħaxija ttieħdet proċessjonalment sal-parroċċa. Minn kitba ta' dak iż-żmien nafu li kienet saret mixegħla mal-belt, kien hemm sparar ta' murtali, u l-poplu pparteċipa bi ħġaru.[7] Ma naqasx kliem ta' tifħir għax-xogħol formidabbli li wettaq l-iskultur. Xi snin wara Azzopardi kellu jerġa' jiġi mqabbad mill-Bormliżi biex jonqxilhom statwa oħra, dik tar-Rendentur li għadha titgawda sal-lum.

Fil-bidu, meta kienet tintuża din l-istatwa ta' San Ġużepp għall-purċissjonijiet, jidher li kienet timxi hi l-aħħar, wara l-kleru u r-relikwa. Dan nafuh għax fl-

1873 Fortunat Bonniċi talab permess lill-kapitlu biex fil-purċissjonijiet il-vara tibda timxi quddiem is-salib tal-kleru.



B'xorti ħażina din l-istatwa llum m'għadhiex tista' titgawda għax fl-1903 ingħatat rigal lill-parroċċa ta' Marsaxlokk u hemm sarilha tibdil kbir biex bdiet tirrappreżenta lil Sant'Andrija flok lil San Ġużepp![8] Ir-raġuni għala din tneħħiet mill-kolleġġjata ta' Bormla kienet li sena qabel il-fratellanza ordnat statwa ġdida, din id-darba mingħand skultur Bormliż: il-kbir Abram Gatt. Gatt kien artist ta' kalibru enormi; kien jinqala' biex jagħmel id-disinji, ipitter, jaħdem fl-injam kif ukoll fil-manifattura ta' statwi sew tal-kartapesta kif ukoll tal-injam. Ħafna huma l-knejjes Maltin u Għawdxin li għadhom igawdu minn opri ta' arti ffirmati minnu.

Imkien ma nsibu li l-fratelli Bormliżi kienu xebgħu mill-istatwa ta' Azzopardi. Ħafna jaħsbu li l-idea ta' statwa ġdida ġiet mill-fatt li fil-knisja kien qiegħed isir bosta xogħol ta' tiġdid u tisbiħ bi preparazzjoni għall-festi tal-inkurunazzjoni tal-kwadru tal-Immakulata li kellhom iseħħu fl-1905. Fl-istess żmien sar ukoll ventartal tal-fidda għall-artal tal-Ispirtu s-Santu u San Ġużepp, li wkoll kien iddisinjat mill-istess artist li ħadem l-istatwa l-ġdida.

Gatt dam madwar sena jaħdem fuq din l-istatwa. Kienet l-ewwel statwa tal-injam li għamel[9], u kien jaħdimha fil-ħin liberu li kien ikollu minn fuq ix-xogħol fit-Tarzna. Jingħad li meta lestiha Gatt qasam ras San Ġużepp fi tnejn biex ipoġġilu l-għajnejn tal-ħġieġ, imbagħad reġa' għaqqadha.

Bħala statwa nistgħu ngħidu li din hija l-ifjen xogħol tiegħu. Il-ġmiel ta' wiċċ il-qaddis, kif ukoll il-poża grazzjuża u l-maestrija fil-panneġġi tal-ilbies huma tassew tas-seħer. Aspett ieħor li jagħmel din l-istatwa tassew oriġinali huwa peress li din kienet waħda mill-ewwel xbihat ta' San Ġużepp li fiha l-figura tal-Bambin mhix ta' tarbija f'idejn il-qaddis. Ġesù jidher bħala tfajjel ta' ftit snin, wieqaf fuq sħaba jitkellem mal-missier putattiv tiegħu. Barra minn hekk, minħabba li din l-istatwa saret wara li San Ġużepp ġie pproklamat patrun tal-knisja universali, Gatt ħaseb biex fl-istatwa jinkorpora xi ħaġa li turi appuntu dan. U fil-fatt ħdejn saqajn il-qaddis poġġa replika tal-kolleġġjata ta' Bormla.

Ir-reazzjoni għal din l-istatwa kienet waħda pożittiva minn kull aspett. Kull min raha ħa grazzja magħha, u s-seħer li kellha aktar minn mitt sena ilu għadu jaħdem sal-lum. Diffiċli ssib xi ħadd li jkun għaddej minn quddiem din l-istatwa u ma jieqafx iħares lejha, u bir-raġun kollu titqies bħala waħda mill-isbaħ statwi ta' dan il-qaddis li nsibu f'Malta. Interessanti ngħidu li fuq insistenza ta' xi ħbieb tiegħu, Gatt ħa din l-istatwa għal esibizzjoni fil-Belt, fejn setgħet tiġi ammirata minn bosta nies. Fost in-nies li faħħruha ħafna nsibu lill-istatwarju Karlu Darmanin u lill-pittur Ġużeppi Calì, li dwarha kiteb: "Ladarba, safejn naf jien is-Sur Gatt qatt ma għamel studji ta' din ix-xorta, la qatt mar korsijiet ta' skultura u wisq anqas ħa taħriġ f'din it-teknika, ngħid li f'dawn iċ-ċirkustanzi, din l-istatwa hija biċċa xogħol ta' arti tassew ta' min ifaħħarha."[10]

Id-devozzjoni li tgawdi din l-istatwa hija fenomenu li ftit hawn bħalu. In-numru ta' *ex voto* żdied bla kontroll, tant li wara xi snin il-ħitan tan-niċċa nksew b'bosta oġġetti tal-fidda, fosthom pjanċi, idejn, saqajn, trabi, midalji, u bosta għodod tal-mastrudaxxi bħal imrietel, imsiemer u tnalji. Qabel il-gwerra kien hemm ukoll it-tradizzjoni ħelwa li matul ix-xahar ta' Marzu l-figura tal-Bambin kienet tinqala' minn mal-vara u tittieħed f'xi dar fejn ikun hemm il-mard jew fejn kienet tkun mistennija titwieled xi tarbija. Kien jiżżejjen bil-fjuri f'xi kamra fl-entrata tad-dar u l-ġirien kienu jiġu mistiedna jidħlu jinviżtawh u jitolbu r-rużarju quddiemu skont l-intenzjoni li kien ikollha l-familja li tgħix f'dik id-dar.

Matul is-snin tal-gwerra, peress li kien hemm biża' li l-knisja tiġġarraf bil-bombi, l-istatwa ta' San Ġużepp ġralha bħalma ġralhom l-istatwi kollha tal-Kottonera u ttieħdet fi knsija oħra fejn il-periklu ta' xi bumbardament kien jinħass inqas. Din ittieħdet fil-knsija ta' Ħaż-Żebbuġ. Wara l-gwerra l-purċissjoni ta' San Ġużepp kienet waħda minn tal-ewwel li bdew isiru f'Bormla. Għadhom ħajjin xi Bormliżi li jiftakru l-vara tant sabiħa ta' dan il-qaddis għaddejja minn ġo nofs il-ħerba li ħalliet warajha l-gwerra f'belthom[11].

Fl-1957 saru festi speċjali f'Malta kollha biex jitfakkar it-twaqqif tal-festa ta' San Ġużepp ħaddiem fil-Knisja Universali. Fil-pontifikal kbir li kien sar fuq il-Fosos tal-Furjana kienet proprju din l-istatwa li ntgħażlet biex tkun preżenti u żżejjen il-presbiterju li nbena għall-okkażjoni. Ittieħdet b'korteo ta' karozzi minn Bormla sal-Furjana; matul it-triq waqfet quddiem il-knejjes ta' Kristu Re f'Raħal Ġdid u tat-Trinità Qaddisa fil-Marsa. Intlaqgħet b'entużjażmu kbir kull fejn marret, anke fit-toroq minn fejn għaddiet.

B'xorti ħażina, meta ħaġa tkun sabiħa u tiġbed l-għajnejn, dawn ma jkunux neċessarjament iħarsu



lejha b'intenzjonijiet tajba! Xhieda ta' dan huwa dak li ġara fil-lejl bejn it-18 u d-19 ta' Diċembru 1980 meta xi ħadd daħal fil-knisja u żarma l-istatwa mit-teżori li kellha. Fost l-affarijiet li nsterqu kien hemm salib tad-deheb tal-kanonċi ta' Bormla flimkien mal-katina tiegħu, salib ieħor tal-fidda indurat bid-deheb, salib tal-fidda li kien f'idejn il-Bambin, żewġ brazzuletti bid-djamanti, barbazzal tad-deheb minn madwar għonq il-Bambin, rużetta bil-ħaġar prezzjuż, par imsielet tad-deheb, katina ta' arloġġ tal-polka tad-deheb, żewġ ċrieket żgħar, raġġiera tal-fidda ndurata minn ma' ras il-Bambin, dijadema tal-fidda ndurata minn ma' ras San Ġużepp, tnax-il biċċa għodda tal-fidda u għatu tal-fidda għall-qoffa tal-istatwa. Ma' dawn telqu wkoll ħames lampieri tal-fidda li kienu mdendlin madwar il-knisja. Wara xi xhur wieħed mill-kompliċi tas-serqa nqabad u radd lura l-għodda tal-fidda. Il-bqija baqgħu ma nstabux. Dan wassal biex matul dawn l-aħħar snin saru xi għotjiet oħrajn biex jikkumpensaw għal dawk li ntilfu.

Fl-1992 dil-vara ttieħdet in-Nadur fejn reġgħet inżebgħet mill-ġdid minn Michael Camilleri Cauchi.[12]

Għaċ-ċentinarju ta' din il-vara saru festi speċjali li kienu jinkludu akkademja mużiko-letterarja fil-kolleġġjata u s-sehem tal-banda tal-lokal fil-purċissjoni. Għal din l-okkażjoni l-vara ntramat taħt il-mant tal-Immakulata għat-tieni darba fl-istorja tagħha. L-ewwel darba li tpoġġiet taħt dan il-mant kien fl-1920 fil-festi speċjali li saru fl-okkażjoni taċ-ċinkwantinarju minn mindu l-Papa Piju IX pproklama lil San Ġużepp bħala l-patrun tal-Knisja.[13] Sar anke xi tiżjin fit-toroq, u fost affarijiet oħra ntramat wara żmien twil l-istatwa l-kbira ta' Karlu Darmanin li tirrappreżenta l-Familja Mqaddsa u l-patrunaġġ ta' San Ġuzepp. Din illum qed tintrama fix-Xatt ta' Bormla fil-ġranet tal-festa tal-Immakulata meta t-temp ikun jippermetti.

## Għeluq

Ir-rabta li għandu l-poplu Bormliż ma' dan il-qaddis mhix ħaġa li faċli tesprimiha fil-kliem. Daż-żmien il-festa ssir f'Mejju flok f'Marzu, festa sempliċi imma dekoruża, ħielsa minn kull dell ta' pika. L-element waħdani li jidher f'kull ċelebrazzjoni Ġużeppina f'Bormla huwa l-imħabba li għandu dal-poplu lejn dak ir-raġel li offra ħajtu biex jieħu ħsieb ta' Marija, omm il-belt ta' Bormla, u ta' Ġesù, l-Iben ta' Alla.

## Referenzi


1 Arkivju Parrokkjali ta' Bormla, *Libro esigenziale* Nru 497.

2 Arivju arċiveskovili ta' Malta, *Visitatio de Bussan 1728*, f. 157, 176.

3 Ibid, *Supplicatio* 1714-1741 (ii) Vol 5, f. 590.

4 Achille Ferris, *Descrizione storica delle chiese di Malta e Gozo*, Malta 1966, 298.

5 Charles Galea-Scannura, *Id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Bormla – 2*, Leħen is-sewwa (28,03/1981), 4.

6 Charles Galea-Scannura, *Id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Bormla – 1*, Leħen is-sewwa (14/03/1981), 7.

7 *Il trionfo della religione*, 1843, 76.

8 Charles Galea-Scannura, *Id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'Bormla – 2*, Leħen s-sewwa (28/03/1981)), 4.

9 Fost l-ewwel statwi tal-kartapesta li kien għamel nistgħu nsemmu l-istatwi ta' Porfirju u Fawstina li għadhom jintramaw f'Misraħ Mattia Preti fiż-Żurrieq fil-ġranet tal-festa titular ta' Santa Katarina V.M. Dawn kien ħadimhom fl-1889.

10 *Malta* 23/04/1903. Traduzzjoni tal-awtur.

11 Informazzjoni mgħoddija bil-fomm mill-Kan. Dun Ġużepp Bonello fl-2006.

12 Emmanuel Fiorentino, *Il-vara ta' San Ġużepp tagħlaq mitt sena*, Programm tal-festa ta' San Ġużepp, Bormla 2003, 9.

13 Joseph R. Gatt, *L-istatwa ta' San Ġuzepp fil-knisja ta' Bormla*, Programm tal-festa ta' San Ġużepp, Bormla 2003, 20.



